

# Kotba dwar l-istorja ta' San Ġwann

Tony C. Cutajar




Is-sena l-oħra, l-awtur ta' San Ġwann Tony C. Cutajar ippubblika żewġ kotba oħra dwar l-istorja tal-lokalità tagħna. B'hekk huwa issa ppubblika sitt kotba b'kollox dwar l-istorja interessanti ta' din il-lokalità li minn raħal żgħir, antik u kważi minsi, issa sar waħda mill-bliet moderni.

Fl-1996 huwa ħareġ il-ktieb **San Ġwann u l-Istorja Tiegħu** u s-sena ta' wara **San Ġwann u t-Toroq Tiegħu**. It-tnejn kienu ppubblikati mill-Kunsill Lokali. Fl-1998 huwa ppubblika għat-tfal tas-Sekondarja **Il-Misteru tal-Mensija** u għall-istess tfal fl-2002 ħareġ il-ktieb **Il-Misteru tar-Razzett ta' Xindi**.



Is-sena l-oħra ġie ppubblikat ir-rumanz **Inkwatru Misterjuż** miktub għaż-żgħażagħ 'il fuq minn ħmistax-il sena. Dan ir-rumanz huwa mibni fuq il-leġġenda tal-Mensija meta l-bidwi Indri jkun qed iħaffer biex jagħmel bir. Id-dawl li ħareġ minn ħofra fl-art juri għar li mirdum fih ikun hemm inkwatru reliġjuż antik ħafna. Huwa jieħdu għand il-Kappillan ta' Birkirkara iżda għal darbtejn dan l-inkwatru jerġa' jinstab fl-għar. Jieħduh għand l-Isqof iżda l-inkwatru misterjuż jerġa' jmur fejn kien qabel. L-Isqof jordna li l-inkwatru jibqa' fl-għar u hemm huwa jiġbed ħafna pellegrini. Minn inkwatru misterjuż huwa jsir magħruf iktar bħala nkwatru mirakoluż u li għadu jeżisti sal-lum fis-Santwarju Tal-Mensija.




Iktar tard matul is-sena Tony C. Cutajar ippubblika r-rumanz **Castello Ta' Lanzun** bħala ktieb elettroniku (e-book) għal dawk iż-żgħażagħ li jippreferixxu jaqraw minn fuq tablet milli jkollhom il-ktieb f'idejhom. F'dan il-ktieb miktub bl-Ingliż insiru nafu li l-pesta li faqqgħet f'Malta fl-1676 mhux talli kienet l-agħar waħda fl-istorja tal-pajjiż, talli laqtet il-poplu kollu, inklużi l-Kavallieri ta' San Ġwann. Mietu ħafna nies u Bormla tant marret ħażin li nofs il-popolazzjoni tal-belt kienu nfettati.



Wenzu Lanzun tilef lil martu u tlieta minn uliedu minn din il-marda u ddeċieda li jitlaq mid-dar li kellu f'wieħed mill-isqaqien. Biex jipproteġi lilu nnifsu u lill-ibnu li kien fadallu huwa telaq lejn dawn in-naħat u xtara razzett fil-qrib fejn beda ħajja ġdida. Ma kienx jaf li l-pirati Torok kienu spiss jitilgħu minn Wied Għomor biex jisirqu kulma jsibu fosthom annimali u ħxejjex u frott, minbarra l-ħsara li kienu jħallu warajhom.

Wenzu beda jbati minn dan is-serq u l-ħsara u ddeċieda li jdawwar ir-razzett b'ħitan għoljin biex anke jipproteġi ruħu u lill-ibnu. Ir-razzett sar magħruf bħala t-Torri ta' Lanzun u għadu jeżisti sal-ġurnata tal-lum. Qiegħed f'idejn l-Ordni antika u filantropika ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm li jieħdu ħsiebu u jużawh f'okkażjonijiet speċjali.

G R F
DESIGN CONCEPTS

117, Triq l-Assemblea Nazzjonali
San Ġwann SGN 3034
Tel: 2137 7378 Mob: 7942 4422




joe@grfmalta.com
www.grfmalta.com